MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 138/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Rocco D'Alessandro**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Rocco D'Alessandro talli :

(1) fis-27 ta' Jannar 2011 u zminijiet wara din id-data, fil-Belt Valletta u f'dawn il-Gzejjer ikkaguna biza' lil Josette D'Alessandro li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta` taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta` ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra;

(2) fl-istess zminijiet u cirkostanzi bl-imgieba tieghu gab rubu b'mod li ta fastidju lil Josette D'Alessandro u b'mod li kien jaf jew imissu kien jaf li dan kien ta' fastidju ghal Josette D'Alessandro;

(3) fis-27 ta' Jannar 2011 il-Belt Valletta u nhar-is 7 ta' Frar 2011 f'Hal-Tarxien u f'dawn il-Gzejjer hedded bil-fomm lill-istess Josette D'Alessandro b'delitt;

(4) fl-istess cirkostanzi permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika ghamel uzu mhux xieraq bih u hedded lil Josette D'Alessandro li jaghmel xi reat;

(5) f'dawn il-Gzejjer fl-istess cirkostanzi naqas li jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mill-Magistrat Dr A Mizzi fid-digriet tieghu ta' nhar-is 27 ta' Jannar 2011 li bih inghata l-helsien mill-arrest taht garanzija;

(6) ikkommeta reat li ghalih hemm kontemplat piena ta' prigunerija fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza ai termini ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta datata 26 ta' Jannar 2011.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Josette D'Alessandro mill-Fgura u tapplika l-provvedimenti ta'l-artikoli 383, 384, u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta' Marzu 2011 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 28A, 28B, 251A, 251B, 339(1)(e) u 579 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikolu 45A tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Rocco D'Alessandro hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkundannatu hames (5) xhur prigunerija u multa ta' sitt mitt euro (€600) li ghandha tithallas fi zmien erba' xhur. Inoltre b'applikazzjoni ta' l-artikolu 383 *et seq.* tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u biex tipprovdi ghas-sigurta` ta' Josette D'Alessandro u ghaz-zamma ta' l-ordni pubbliku, rabtet

lill-imsemmi Rocco D'Alessandro b'garanzija personali ghal perijodu ta' sena taht penali ta' elfejn euro (€2000) li ma jdejjaqx u ma jimmolestax lil Josette D'Alessandro, liema perijodu jibda meta jkun skonta l-perijodu ta' prigunerija mposta fuqu. Inoltre, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28B(2)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma dahhlitx fis-sehh is-sentenza moghtija fis-26 ta' Jannar 2011 u ma rrevokatx id-digriet moghti fis-27 ta' Jannar 2011 li permezz tieghu kien inghata l-helsien mill-arrest;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Rocco D'Alessandro pprezentat fl-14 ta' Marzu 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabitu hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, izda tirrevokaha u thassarha in kwantu gie kkundannat ghall-piena ndikata fl-istess sentenza, u minflok tordna li jigi kkundannat ghal dik il-piena anqas gravuza u aktar xierqa li joghgobha timponi din il-Qorti;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali ta' l-imsemmi Rocco D'Alessandro esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** Dan huwa appell mill-piena u in materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[1]. L-appellant jaccetta illi l-piena moghtija mill-ewwel Qorti hi fil-parametri tal-ligi u anke li mhijiex wahda sproporzjonata meta wiehed ihares lejn ir-reati addebitati lilu. Huwa tal-fehma, pero`, li l-ewwel Qorti naqset milli tqis sew ic-cirkostanzi kollha tal-kaz meta giet biex tapplika l-piena jew, jekk qisithom, ma tatx bizzejjed piz lill-fatturi li kellhom iwasslu ghal mitigazzjoni fil-piena. L-appellant jissottometti:

---

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

“Naqset [l-ewwel Qorti], senjatament, li tibbilancja l-hazin li ghamel l-appellant mal-istat emozzjonali li sab ruhu fih meta skopra li martu, li flimkien ma’ ibnu kienu l-eghzez haga ghalih, kellha relazzjoni ma’ ragel iehor. Veru li mhuwiex permess li xi hadd jiehu ;l-ligi b’idejh u jivventila l-ugiegh tieghu billi jikkommetti reat, pero` hu daqstant iehor veru li l-appellant mhuwiex xi bniedem b’antecedent kriminali, anzi l-unika tebgha li hemm fil-fedina penali tieghu hi l-kundanna li kellu dwar incident li sehh ma’ martu meta hu skopra r-relazzjoni extra-matrimonjali.

“Jirrizulta wkoll illi l-ewwel Qorti naqset li tiehu in konsiderazzjoni l-fatt li l-appellant tant tkisser emozzjonalment meta skopra bl-ingann ta’ martu li sahansitra kellu jinghata kura psikjatrika fl-Isptar Mater Dei.

Hemm ukoll il-fatt li l-incidenti kollha sehhew f’perijodu kontenut, meta giet skoperta l-imsemmija relazzjoni extra-matrimonjali, u dan hu fatt indikattiv ferm.”

**6.** L-appellant jirrimarka li huwa jifhem li l-ewwel Qorti riedet tibghat messagg li dawn l-incidenti bejn il-konjugi D’Alessandro, avolja ma kinux ta’ xi gravita` partikolari, kellhom jieqfu darba ghal dejjem anke biex tigi eliminata l-possibilita` li l-incidenti jeskalaw. L-appellant, pero`, iddikjara li llum hu f’posizzjoni li jista’ effettivament jaghti garanzija li mhux talli s-sitwazzjoni ta’ bejnu u martu mhux ser teskala, talli lanqas ser ikun hemm l-icken incident iehor ma’ martu, u dan ghaliex issa jifhem li, “ghamlet x’ghamlet martu, hu m’ghandux jedd li jikser il-ligi, u llum fehem ukoll li ghandhom ikunu l-Qrati, u l-Qrati biss, li jiddeterminaw il-pendenzi ta’ bejnu u martu.” Din, skond l-appellant, hi cirkostanza li sehhet sussegwenti ghas-sentenza ta’ l-ewwel Qorti u ghalhekk, skond it-taghlim fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-gurisdizzjoni superjuri taghha fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Carmen Butler** fis-26 ta’ Frar 2009, tali cirkostanza tista’ taghti lok ghal temperament fil-piena. Jghid illi hu qed jidher quddiem din il-Qorti “mhux ghaliex hu xi bniedem refrattarju, anzi hu missier u ragel tal-familja li sab ruhu f’cirkostanzi koroh li qatt ma holom li kien ser isib ruhu

fihom, u mhux hekk biss izda hu jiddispjacih ghal dak li ghamel.”

**7.** Din il-Qorti m’ghandha l-ebda dubju li l-ewwel Qorti fehmet precizament is-sitwazzjoni li ghadda minnha l-appellant u kien proprju ghalhekk li ma dahhlitx fis-sehh is-sentenza sospiza tas-26 ta’ Jannar 2011 u ma rrevokatx id-digriet ta’ helsien mill-arrest tas-27 ta’ Jannar 2011. L-ewwel Qorti ghaddiet biex timponi piena ta’ prigunerija effettiva (oltre multa fir-rigward tar-raba’ imputazzjoni ghax l-unika piena prevista ghar-reat hemm kontemplat) ghax ir-reati li taghhom instab hati huma reati serji li facilment jistghu jwasslu ghal eskalazzjoni fis-sitwazzjoni xejn felici tal-konjugi D’Alessandro u ghal reati ferm aktar serji. Dan huwa minnu u mhuwiex sorprendenti li ghal reati bhal dawk li gie akkuzat bihom l-appellant tinghata sentenza ta’ prigunerija.

**8.** Din il-Qorti, minn kemm ilu pendenti quddiemha dan l-appell, ghamlet l-almu taghha biex tipperswadi lill-appellant jiddezisti minn agir simili ghal dak li gie akkuzat bih. Ordnat ukoll li jsir *pre-sentencing investigation report*, izda r-rakkomandazzjoni raggunta kienet li s-sentenza ta’ prigunerija tigi kkonfermata u li ssir ordni ta’ supervizjoni b’zieda mas-sentenza sospiza ta’ prigunerija ezistenti. Li ssir tali ordni ta’ supervizjoni mhuwiex legalment possibbli.

**9.** Din il-Qorti semghet ukoll ix-xiehda tal-psikjatra Dr. Etienne Muscat li kien originarjament ra lill-appellant fl-unita` psikjatrika ta’ l-isptar Mater Dei f’Jannar 2011 fejn l-appellant dam xi tlett ijiem. Sussegwentement rah f’Gunju fejn sabu *“hafna ahjar imma ma kienx perfett. Pero` ma kien hemm l-ebda sinjali li nkwetawni.”* Rah ukoll f’Awissu fejn l-uniku *stress* li kellu deher li kien il-*curfew*.

**10.** Sfortunatament jidher li l-appellant naqas milli jaghti kaz ta’ l-avvertimenti kostanti li ghamlitlu din il-Qorti biex ma jersaqx lejn martu jew ikellimha u biex ma jersaqx fl-inhawi tar-residenza taghha, avvertimenti li kienu mehtiega minhabba r-rabja li deher li kellu u jidher li ghad ghandu fil-konfront ta’ martu. Mix-xiehda ta’ Josette D’Alesandro difatti jidher illi anke matul ix-xhur tas-sajf

kien hemm okkazjonijiet fejn l-appellant mar fejn ir-residenza taghha u cemplilha. Din il-Qorti tifhem it-trawma familjari li l-appellant ghadda minnha, izda s-sitwazzjoni hi dik li hi u jkollu jaccettaha. Mhuwiex tollerabbli illi jibqa' jippersisti filli jaghti fastidju lil martu. Fic-cirkostanzi ghalhekk, u wara li qieset illi l-piena nflitta mill-ewwel Qorti ma kinitx wahda harxa, din il-Qorti ma ssib l-ebda triq ohra hlief li tikkonferma s-sentenza appellata. Fil-fatt dik is-sentenza tikkontjeni diversi elementi li ghandhom iservu ta' deterrent biex l-appellant ma jergax jikkommetti reati ohrajn – il-piena ta' prigunerija sabiex l-appellant jinghata messagg car li l-agir tieghu mhuwiex accettabbli; is-sentenza sospiza ta' prigunerija li l-ewwel Qorti ma gabitx fis-sehh u allura b'hekk l-appellant jaf illi jekk matul il-perijodu operattiv huwa jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija, din is-sentenza sospiza tista' tingab fis-sehh; u l-garanzija ai termini ta' l-artikolu 383(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li tibda tiddekorri meta l-appellant ikun skonta l-perijodu ta' prigunerija, u permezz ta' liema garanzija huwa ntrabat li jzomm il-kwiet ma' martu u jzomm il-bon ordni pubbliku ma' kulhadd, u fin-nuqqas ikollu jhallas is-somma ta' elfejn euro (€2000).

**11.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier. L-appellant ghandu jkun taht kura psikjatrika u psikologika tul id-dekorriment tas-sentenza ta' prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------